IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.7.2012
COM(2012) 380 final

2012/0184 (COD)

Roadworthiness Package

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 206 final}
{SWD(2012) 207 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-għan tal-proposta huwa li tistipula r-regoli armonizzati aġġornati dwar l-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom bil-ħsieb li jissaħħu s-sikurezza stradali u l-ħarsien tal-ambjent.

Il-proposta għandha l-għan li tikkontribwixxi sabiex tintlaħaq il-mira għal tnaqqis fil-fatalitajiet fit-triq bin-nofs sal-2020 kif stipulat fl-Orjentazzjonijiet ta' Politika dwar is-Sikurezza tat-Triq 2011-2020[1]. Se tikkontribwixxi wkoll lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet fit-trasport tat-triq marbut ma' livell baxx ta' manutenzjoni tal-vetturi.

- Kuntest Ġenerali

Qabel ma vettura titħalla titqiegħed fis-suq, trid tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' approvazzjoni tat-tip rilevanti jew dawk individwali li jiggarantixxu l-aqwa livell ta' standards ta' sikurezza u dawk ambjentali. Kull Stat Membru għandu l-obbligu li, għall-ewwel darba, jirreġistra kwalunkwe vettura li tikseb l-approvazzjoni tat-tip Ewropea abbażi taċ-"Ċertifikat ta' Konformità" li jinħareġ mill-manifattur tal-vettura. Din ir-reġistrazzjoni hija l-awtorizzazzjoni uffiċjali għall-użu fit-toroq pubbliċi u tinforza d-dati differenti ta' introduzzjoni tar-rekwiżiti tal-vetturi differenti.

Wara din l-approvazzjoni, il-karozzi fit-triq iridu jiġu sottomessi għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali. L-għan ta' dawn it-testijiet huwa li jiżguraw li l-karozzi fit-triq jibqgħu jgawdu minn affidabilità stradali, jibqgħu sikuri u ma jkunu ta' ebda periklu għax-xufier jew utenti oħra tat-triq. Għalhekk, il-karozzi jiġu ċċekkjati għall-konformità ma' ċerti rekwiżiti, bħal dawk għas-sikurezza u għall-ħarsien ambjentali, kif ukoll għal rekwiżiti dwar modifiki li jsiru wara. Minħabba l-użu regolari u intensiv tagħhom l-aktar għal finijiet kummerċjali, il-vetturi użati għat-trasport professjonali ta' oġġetti b'massa ta' tagħbija akbar minn 3.5 tunnellati u għat-trasport professjonali ta' passiġġieri ta' aktar minn 8 passiġġieri huma suġġetti addizzjonalment għal spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt *ad hoc* fejn tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti ambjentali u tekniċi fi kwalunkwe ħin u fi kwalunkwe post fl-UE.

Matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' vettura, din tista' tkun suġġetta għar-reġistrazzjoni mill-ġdid, minħabba tibdil fis-sjieda jew trasferiment minn Stat Membru għall-ieħor għall-użu permanenti. Għandhom jiġu introdotti dispożizzjonijiet simili dwar il-proċedura għal reġistrazzjoni ta' vettura biex ikun żgurat li vetturi li jippreżentaw riskju immedjat għas-sikurezza stradali ma jintużawx fit-toroq. L-għan tal-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa li tiġi ċċekkjata l-funzjonalità tal-komponenti ta' sikurezza, il-prestazzjoni ambjentali u l-konformità ta' vettura mal-approvazzjoni tagħha.

- Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

[1] COM (2010) 389 finali.

Il-“Pakkett dwar l-Affidabilità Stradali” se jmexxi 'l quddiem ir-rekwiżiti eżistenti stipulati fil-qafas leġiżlattiv eżistenti relatat mas-sistema dwar l-affidabilità stradali, li jkopri t-testijiet tal-affidabilità stradali[2], l-ispezzjonijiet waqt it-traġitt[3] u regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi[4].

Meta mqabbla mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-ittestjar tal-affidabilità stradali, il-proposta testendi l-kamp ta’ applikazzjoni tas-sistema eżistenti għal kategoriji ġodda ta’ vetturi, inklużi l-muturi, kif ukoll il-frekwenza tal-ispezzjonijiet għal vetturi aktar qodma għal dawk li jkunu laħqu kilometraġġ għoli. Il-proposta tistipula wkoll rekwiżiti ġodda dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-istandard u l-kwalità tal-ittestjar, jiġifieri t-tagħmir għall-ittestjar, il-ħiliet u t-taħriġ tal-persunal tal-ittestjar u s-superviżjoni tas-sistema tal-ittestjar.

- Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti mal-għan tal-UE li trendi t-toroq aktar sikuri kif deskritt fil-White Paper dwar it-Trasport[5] u għandha l-għan li timplimenta l-istrateġija speċifika relatata ma' vetturi aktar sikuri fi ħdan l-Orjentazzjonijiet ta' Politika dwar is-Sikurezza tat-Triq 2011-2020.

Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-aspetti ambjentali tal-proposta, ir-rekwiżiti previsti jikkontribwixxu lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 u sustanzi oħra li jniġġsu fl-arja minn vetturi bil-mutur skont l-Istrateġija Ewropea dwar vetturi ta' enerġija nadifa u effiċjenti[6] kif ukoll il-politika integrata dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima[7] 'l hekk imsejħa "strateġija 20-20-20" u biex jikkontribwixxu biex jinkisbu l-miri tal-kwalità tal-arja stipulati fid-Direttiva 2008/50/KE[8].

Finalment, il-proposta hija konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet relatati mat-tnedija mill-ġdid tal-politika dwar is-Suq Uniku kif previst mir-Rapport Monti ta’ Mejju 2010[9] fil-qasam tat-tnaqqis tal-ostakli amministrattivi għaċ-ċaqliq transfruntier tal-karozzi użati.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Metodi ta’ konsultazzjoni

---

2 Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta’ vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (ĠU L 141, 6.6.2009, p. 12).

3 Id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq (ĠU L 203, tal-10.8.2000, p. 1).

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

5 COM (2011) 144 finali.

6 COM (2010) 186 finali.

7 COM (2008) 30 finali.

8 Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

9 http://ec.europa.eu/bepa/pdf/monti_report_final_10_05_2010_en.pdf.

Fil-proċess tat-tħejjija tal-proposta, il-Kummissjoni kkonsultat mal-partijiet interessati permezz ta’ metodi differenti:

– Kien hemm konsultazzjoni ġenerali fuq l-internet li kopriet l-aspetti kollha tal-proposta.

– L-esperti u l-partijiet interessati ġew ikkonsultati f'sessjonijiet ta' ħidma.

– Twettaq studju dwar għażliet futuri għall-infurzar tal-affidabilità stradali fl-Unjoni Ewropea biex jiġu identifikati miżuri possibbli u biex tiġi elaborata għodda ta’ analiżi tal-benefiċċju mqabbel mal-ispiża relatata mal-effetti tal-ittestjar tal-affidabilità stradali.

Sommarju tat-tweġibiet u ta’ kif ġew meqjusa

Matul il-konsultazzjoni fuq l-Internet, tqajmu diversi kwistjonijiet min-naħa tal-partijiet interessati. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tipprovdi rendikont sħiħ tal-kwistjonijiet sostantivi mqajma u tindika kif ġew ikkunsidrati.

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet mid-29 ta’ Lulju 2010 sal-24 ta’ Settembru 2010. Il-Kummissjoni rċeviet 9,653 tweġiba mingħand ċittadini, awtoritajiet tal-Istati Membri, fornituri ta' tagħmir, ċentri tal-ittestjar, assoċjazzjonijiet tal-garaxxijiet u manifatturi tal-vetturi.

Ir-riżultati huma disponibbli fi http://ec.europa.eu/transport/road_safety/take-part/public-consultations/pti_en.htm.

- Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert

Id-dominji xjentifiċi/tal-għarfien espert ikkonċernati

Il-proposta kienet teħtieġ l-evalwazzjoni ta’ għażliet ta’ politika differenti kif ukoll tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali marbuta magħha.

Il-metodoloġija użata

Twettaq studju dwar l-impatti ta’ għażliet differenti ta’ politika minn konsulent estern (‘Europe Economics’) bl-użu ta’ diversi rapporti xjentifiċi u ta’ evalwazzjoni, l-aktar bħala sorsi ta' mudelli u dejta għall-konverżjoni fi flus tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażliet differenti ta’ politika. L-istudji li ġew użati l-aktar b’mod estensiv jinkludu dawn li ġejjin:

– Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq – Perjodi ta’ rappurtar 2005-2006 u 2007-2008[10],

– AUTOFORE (2007),

[10] COM (2010) 754 finali.

- "MOT Scheme Evidence-base" Dipartiment tat-Trasport (ir-Renju Unit, 2008),
- Rapport DEKRA dwar is-Sikurezza Stradali 2008 – Strateġiji għall-prevenzjoni tal-inċidenti fit-toroq tal-Ewropa,
- Rapport DEKRA dwar is-Sikurezza Stradali tat-Trakkijiet 2009,
- Rapport DEKRA dwar is-Sikurezza Stradali tal-Muturi 2010,
- Rapporti ta' TÜV 2009/2010.

Il-mezzi użati biex il-parir tal-esperti jkun disponibbli għall-pubbliku

Ir-rapporti ta' riċerka lesti u approvati kollha huma disponibbli jew se jkunu disponibbli fil-websajt tad-DĠ għall-Mobilità u t-Trasport.

- Il-valutazzjoni tal-impatt

Għall-aspetti prinċipali tal-proposta, ġew ikkunsidrati l-għażliet li ġejjin:

(a) L-approċċ ta' 'Ebda tibdil ta' politika' jipprovdi l-każ ta' referenza li miegħu jitqabblu l-effetti tal-għażliet ta' politika oħrajn. F'din l-għażla, jinżamm il-qafas legali attwali tal-UE. Barra minn hekk, ma jkun hemm ebda adattament fuq żmien qasir tal-anness tekniku tad-Direttiva 2009/40/KE li riċentement ġiet emendata permezz tal-proċedura ta' kumitat bid-Direttiva 2010/48/UE[11]. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza tat-testijiet tal-affidabilità stradali ma jinbidlux u ma tiġi adottata ebda miżura relatata mal-iskambju tal-informazzjoni. Ikompli n-nuqqas ta' qafas għall-iskambju tad-dejta.

(b) L-"Approċċ ta' leġiżlazzjoni mhux vinkolanti" jkun jikkonsisti kemm f'implimentazzjoni aħjar kif ukoll f'monitoraġġ aħjar tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Din l-għażla ma tintroduċix leġiżlazzjoni ġdida, iżda jkun hemm sforzi ġodda u akbar mill-Kummissjoni biex jittejbu l-istandards tal-ittestjar u tal-infurzar, kif ukoll azzjonijiet biex ikun hemm inċentivi għall-iskambju tad-dejta.

(c) L-"Approċċ leġiżlattiv" ikun ibbażat fuq żewġ komponenti:

- Sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku li titjieb is-sikurezza tal-vetturi fit-triq, l-ewwel komponent huwa li ssir reviżjoni 'l fuq tal-istandards minimi tal-UE għat-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali (PTI – 'periodic roadworthiness test) u għall-ispezzjonijiet waqt it-traġitt (RSI - 'roadside inspections') mhux mistennija u jiġu definiti l-istandards obbligatorji. Dan huwa essenzjali sabiex jiġi evitat li jkun hemm nuqqasijiet fis-sistema li jnaqqsu l-effikaċja tal-infurzar tal-affidabilità stradali fit-totalità tagħha.
- Sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku li d-dejta meħtieġa għat-testijiet tal-affidabilità stradali u d-dejta li toħroġ minn dawn it-testijiet tkun disponibbli, it-tieni

[11] ĠU L 173, 8.7.2010, p. 47.

komponent tas-sistema ġenerali jkun jinkludi, fit-tieni fażi, l-istabbiliment possibbli ta' sistema ta' skambju tad-dejta armonizzata tal-UE li torbot flimkien il-bażijiet tad-dejta disponibbli u tiżgura:

l-aċċess miċ-ċentri tal-PTI kollha għad-dejta fil-livell taċ-Ċertifikat ta' Konformità u għad-dejta dwar is-sistemi ta' sikurezza elettroniċi (bħall-ABS[12], l-ESC[13], l-airbags, eċċ.);
l-iskambju tar-riżultati tal-ispezzjonijiet bejn l-Istati Membri, b'aċċessibilità għall-awtoritajiet ta' infurzar l-aktar importanti għas-sistema;
ir-rappurtar tar-riżultati tal-ispezzjonijiet – u b'mod partikolari l-qari tal-odometru – miċ-ċentri tal-PTI lill-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej għall-infurzar u għal finijiet statistiċi.

F'diversi Stati Membri għadd kbir ta' ċentri tal-ittestjar privati awtorizzati jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali. Sabiex ikun żgurat approċċ koerenti, għandhom jiġu speċifikati ċerti proċeduri komuni fil-leġiżlazzjoni bħal-limiti ta' żmien minimi u n-natura tal-informazzjoni li għandha titmexxa 'l quddiem.

Madankollu, il-valutazzjoni tal-impatt uriet il-benefiċċji ta' tagħqida ta' ta' approċċ ta' leġiżlazzjoni mhux vinkolanti ma' approċċ regolatorju. Għalhekk, il-miżuri leġiżlattivi mhux vinkolanti previsti qabel mill-valutazzjoni tal-impatt ġew integrati f'testi leġiżlattivi.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- Sommarju tal-azzjoni proposta

Iċ-ċentri tal-ittestjar għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni teknika meħtieġa biex iwettqu t-testijiet inklużi dawk ta' komponenti relatati mas-sikurezza elettronika bħall-ABS jew l-ESC. Il-produtturi għandhom jipprovdu aċċess għal informazzjoni bħall-aċċess li diġà huwa disponibbli għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati se jiġi estiż għal vetturi bil-mutur b'żewġ u tliet roti, trejlers ħfief sa 3.5 tunnellati u tratturi b'disinn ta' veloċità ta' aktar minn 40 km/siegħa. Meta jitqiesu l-aspetti tal-età tal-vettura u l-kilometraġġ fis-sena, il-frekwenza tat-test għal karozzi aktar qodma se tiżdied u l-vetturi b'kilometraġġ għoli se jkunu suġġetti għal ittesjtar annwali kif diġà huwa l-każ għat-taksis u l-ambulanzi. Perjodu ta' żmien ta' erba' xhur li fih għandu jitwettaq it-test tal-affidabilità stradali se jippermetti flessibilità għaċ-ċittadini u l-operaturi.

It-tagħmir li għandu jintuża għall-ittestjar għandu jissodisfa ċerti rekwiżiti minimi li jippermettu l-prestazzjoni effikaċi tal-metodi tal-ittestjar deskritti. In-nuqqasijiet skoperti għandhom jiġu vvalutati skont regoli armonizzati relatati mar-riskju tagħhom għas-sikurezza fit-toroq.

L-ispetturi li jwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jilħqu ċertu livell ta' għarfien u ħiliet u jkunu mħarrġa b'mod xieraq. L-ispetturi għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe kunflitt ta' interess, b'mod partikolari fir-rigward ta' rabtiet ekonomiċi, personali jew familjari

---

12 Sistema ta' Brejkijiet Anti-lock
13 Kontroll Elettroniku tal-Istabbiltà

mad-detentur tar-reġistrazzjoni tal-vettura. L-attivitajiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettqa minn korpi privati awtorizzati għandhom ikunu suġġetti għas-superviżjoni.

Ir-riżultati tat-testijiet tal-affidabilità stradali, inkluża informazzjoni dwar l-għadd ta' mili tal-vetturi, għandhom jinżammu f'reġistri nazzjonali, li se jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-frodi fir-rigward tal-kilometraġġ. Il-frodi fir-rigward tal-odometru għandha wkoll titqies b'mod aktar sistematiku bħala offiża li twassal għal penalità.

F'diversi Stati Membri għadd kbir ta' ċentri tal-ittestjar privati awtorizzatti jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali. Sabiex ikun żgurat l-iskambju effikaċi tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, għandhom jiġu nnominati punti ta' kuntatt nazzjonali, u għandhom jiġu speċifikati ċerti proċeduri komuni, relatati, bħala minimu ma' limiti ta' żmien u n-natura tal-informazzjoni li tiġi mgħoddija.

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa temenda r-Regolament bil-ħsieb li tqis, meta jkun xieraq, l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi u biex taġġorna l-annessi mal-progress teknoloġiku permezz ta' atti ddelegati inkluż, fost oħrajn, proċeduri ta' ttestjar alternattivi bbażati fuq sistemi moderni għall-posttrattament tal-emissjonijiet għall-iċċekkjar tal-użu tan-NO_x u tal-konformità tal-emissjonijiet partikolati li għadhom qed jiġu żviluppati.

- Bażi legali

Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu°91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri minħabba r-raġunijiet li ġejjin: ir-rekwiżiti tekniċi għall-ittestjar tal-affidabilità stradali ġew issettjati fuq livell minimu fil-livell tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri wasslet għal livell għoli ta' diversità fir-rekwiżiti mal-Unjoni kollha b'impatti negattivi kemm fuq is-sikurezza fit-toroq kif ukoll fuq is-suq intern.

Il-proposta għalhekk hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- Prinċipju tal-proporzjonalità

Kif muri fil-valutazzjoni tal-impatt, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għax ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet relatati maż-żieda fis-sikurezza stradali u l-ħarsien ambjentali billi żżid il-kwalità u t-tisħiħ tal-ittestjar tal-affidabilità stradali u toħloq il-qafas xieraq għal fluss bla problemi tal-informazzjoni. Dan jinkludi, fost l-oħrajn, l-istabbiliment ta' standards minimi għall-għarfien u t-taħriġ tal-ispetturi peress li l-vetturi tal-lum huma prodotti sofistikati ħafna mimlija teknoloġija kumplessa. Dan japplika wkoll għar-rekwiżiti minimi għat-tagħmir tal-ittestjar li se jkun użat matul it-testijiet tal-affidabilità stradali. Dawn il-miżuri kollha huma l-prerekwiżiti meħtieġa li jipprovdu għal żieda fil-kwalità tal-ittestjar.

- Għażla tal-istrument

Strumenti proposti: Regolament.

L-għażla ta' Regolament titqies xierqa sabiex tipprovdi l-assigurazzjoni meħtieġa għal konformità filwaqt li ma tirrikjedix traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI [FEJN MEĦTIEĠ]

- Revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2012/0184 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[14],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[15],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-White Paper tat-28 ta' Marzu 2011 'Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti'[16] l-Kummissjoni tistipula għan ta' 'viżjoni zero' li fih l-Unjoni għandha tersaq qrib lejn zero fatalitajiet fit-trasport stradali sal-2050. Biex jintlaħaq dan il-għan, it-teknoloġija tal-vetturi hija mistennija tikkontribwixxi ħafna lejn it-titjib tar-rekord ta' sikurezza tat-trasport stradali.

(2) Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020[17]", tipproponi li tnaqqas l-għadd ġenerali tal-fatalitajiet stradali fl-Unjoni bin-nofs sal-2020 mill-2010. Bil-ħsieb li tilħaq dan l-iskop, il-Kummissjoni iddefiniet seba' għanijiet strateġiċi inklużi azzjonijiet għal vetturi aktar sikuri, strateġija biex jitnaqqas l-għadd

[14] ĠU C , , p. .
[15] ĠU C , , p. .
[16] COM (2011) 144 finali.
[17] COM (2010) 389 finali.

ta' nies feruti u t-titjib għas-sikurezza tal-utenti vulnerabli fit-toroq, b'mod partikolari l-motoċiklisti.

(3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn sistema usa' li tiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Din is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport bit-triq kif ukoll dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi biex ikun żgurat li vetturi li huma ta' riskju immedjat għas-sikurezza stradali ma jintużawx fit-toroq.

(4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi dwar is-sikurezza tal-vetturi. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza matul il-ħajja tagħhom. Din is-sistema għandha tapplika għall-kategoriji tal-vetturi kif definit fid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE[18], id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi[19] u d-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru tas-26 ta' Mejju, 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jingibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati teknici u li d-Direttiva 75/140/KEE[20].

(5) Hemm korrelazzjoni ċara bejn il-livell tas-sikurezza stradali u l-għadd ta' nuqqasijiet tekniċi tal-vetturi. Fl-2009, ġew irrappurtati 35,000 fatalità fit-toroq Ewropej. Jekk wieħed jassumi li n-nuqqasijiet tekniċi jikkontribwixxu għall-fatalitajiet b'mod proporzjonat għall-kontribut tagħhom għall-inċidenti, aktar minn 2,000 fatalità fis-sena fl-Unjoni jistgħu jiġu marbuta ma' nuqqasijiet tekniċi tal-vetturi. Abbażi tal-istudji disponibbli, bejn 900 u 1,100 minn dawn il-fatalitajiet jistgħu jiġu evitati jekk jitwettaq titjib adegwat fis-sistema tal-ittestjar tal-affidabilità stradali.

(6) Frazzjoni kbira tal-emissjonijiet totali tat-trasport bit-triq, b'mod partikolari l-emissjonijiet tas-CO_2, ġejja minn minorità ta' vetturi b'sistemi tal-kontroll tal-emissjoni li ma jaħdmux sew. Huwa stmat li 5 % tal-flotta tal-vetturi tikkawża 25 % tal-emissjonijiet kollha ta' sustanzi li jniġġsu. Għalhekk, sistema perjodika tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tikkontribwixxi wkoll għal titjib fl-ambjent permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet medji tal-vetturi.

(7) Riżultati sodi tal-investigazzjonijiet juru li 8 % tal-inċidenti li jinvolvu l-muturi huma kkawżati jew marbuta ma' difetti tekniċi. In-nies li jirkbu l-muturi huma l-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju għas-sikurezza, b'xejra li qed tiżdied fl-għadd ta' fatalitajiet. Ix-xufiera tar-roti b'mutur b'forza inqas minn 50cc ('moped') huma

---

18 ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1.
19 ĠU L 263, 9. 10. 2007, p. 1.
20 ĠU L 171, 9. 7. 2003, p. 1.

rrappreżentati b'mod sproporzjonat fl-għadd ta' fatalitajiet, b'aktar minn 1,400 xufier maqtul fit-toroq fl-2008. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati għandu jiġi estiż għall-grupp ta' utenti stradali bl-ogħla riskju, il-vetturi b'żewġ jew tliet roti bil-mutur.

(8) Il-vetturi agrikoli b'veloċità massima skont id-disinn ogħla minn 40 km/siegħa qed jintużaw dejjem aktar minflok it-trakkijiet f'attivitajiet tat-trasport lokali. Il-potenzjal ta' riskju tagħhom huwa komparabbli ma' dak tat-trakkijiet u għalhekk din il-kategorija ta' vetturi għandha tiġi ttrattata bl-istess mod bħat-trakkijiet fir-rigward tal-ittestjar tal-affidabilità stradali.

(9) Suppost li l-vetturi ta' interess storiku jikkonservaw il-wirt tal-epoka li nbnew fiha u huma meqjusa bħala li ftit li xejn jintużaw fit-toroq pubbliċi u għalhekk għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk jestendux il-perjodu tal-ittestjar perjodiku tal-affidabilità stradali għal vetturi bħal dawn. Għandu jitħalla wkoll f'idejn l-Istati Membri biex jirregolaw l-ittestjar tal-affidabilità stradali ta' tipi oħra ta' vetturi speċjalizzati.

(10) L-ittestjar tal-affidabilità stradali hija attività sovrana u għalhekk, għandha ssir mill-Istati Membri jew minn korpi fdati b'dan il-kompitu taħt is-superviżjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom jibqgħu responsabbli għall-ittestjar tal-affidabilità stradali fil-każijiet kollha anke meta s-sistema nazzjonali tippermetti l-awtorizzazzjoni ta' korpi privati, inklużi dawk involuti fit-twettiq tat-tiswija.

(11) Għall-ispezzjoni tal-vetturi u speċjalment għall-komponenti ta' sikurezza elettroniċi tagħhom huwa kruċjali li jkun hemm aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' kull vettura individwali. Għalhekk, il-manifatturi tal-vetturi m'għandhomx jipprovdu biss is-sett komplet ta' dejta kif kopert miċ-ċertifikat ta' konformità (CoC - 'certificate of conformity') iżda għandhom jipprovdu wkoll l-aċċess għad-dejta meħtieġa għall-verifika tal-funzjonalità tal-komponenti relatati mas-sikurezza u mal-ambjent. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għandhom jiġu applikati b'mod simili għal dan il-fini, u jippermettu li ċ-ċentri ta' spezzjoni jkollhom aċċess għal dawk l-elementi ta' informazzjoni meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali. Dan huwa ta' importanza kruċjali fil-qasam ta' sistemi kkontrollati elettronikament u għandu jkopri l-elementi kollha li ġew installati mill-manifattur.

(12) Biex jintlaħaq livell għoli ta' kwalità fl-ittestjar mal-Unjoni kollha, it-tagħmir għall-ittestjar użat waqt l-ittestjar, kif ukoll il-manutenzjoni u l-kalibrazzjoni tiegħu għandhom ikunu speċifikati fuq il-livell tal-Unjoni.

(13) Meta jkunu qed iwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali, l-ispetturi għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u għandu jkun evitat kull kunflitt ta' interess. Għalhekk, ir-riżultat tat-testijiet tal-affidabilità stradali ma għandux ikun marbut mas-salarju jew ma' xi benefiċċju ekonomiku jew personali.

(14) Ir-riżultati ta' test ma għandhomx jiġu mibdula għal finijiet kummerċjali. Il-korp superviżorju għandu jkun jista' jimmodifika r-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali biss jekk ikun ċar li s-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettaq minn spettur ma jkunux korretti.

(15) Standards għoljin tal-ittestjar tal-affidabilità stradali jeħtieġu livell għoli ta' ħiliet u kompetenzi tal-persunal tal-ittestjar. Għandha tiġi introdotta sistema tat-taħriġ inkluż taħriġ inizjali u taħriġ ta' aġġornament perjodiku. Għandu jkun definit perjodu tranżitorju biex jippermetti t-traniżizzjoni bla tfixkil tal-persunal tal-ittestjar eżistenti f'sistema ta' taħriġ perjodiku.

(16) Bil-ħsieb li jkun żgurat li jinżamm l-ogħla livell ta' kwalità tal-ittestjar maż-żmien, l-Istati Membri għandhom jintalbu jistabbilixxu sistemi li jiżguraw il-kwalità li jkopru l-proċessi ta' awtorizzazzjoni, is-superviżjoni u l-irtirar, is-sospensjoni jew il-kanċellazzjoni tal-awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali.

(17) Il-frekwenza tat-testijiet għandha tiġi adattata skont it-tip ta' vettura u l-kilometraġġ tagħha. Huwa aktar probabbli li l-vetturi jippreżentaw nuqqasijiet tekniċi meta jilħqu ċertu età, u b'mod partikolari meta jkunu użati b'mod intensiv, wara ċertu kilometraġġ. Għalhekk, huwa xieraq li l-frekwenza tal-ittestjar tiżdied għal vetturi aktar qodma u għal vetturi b'kilometraġġ għoli.

(18) Sabiex tkun permessa ftit flessibilità għad-detenturi tal-vetturi u l-operaturi, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jiddefinixxu perjodu ta' diversi ġimgħat li fiha jrid jitwettaq it-test perjodiku tal-affidabilità stradali.

(19) It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikopru l-elementi kollha rilevanti għad-diżinn, il-kostruzzjoni u t-tagħmir speċifiku tal-vettura ttestjata. Fi ħdan dawn l-elementi u b'qies tal-istat attwali tat-teknoloġija tal-vetturi, is-sistemi elettroniċi moderni għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-elementi ttestjati. Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni fl-ittestjar tal-affidabilità stradali, għandhom jiġu pprovduti metodi ta' ttestjar għal kull wieħed mill-elementi tat-test.

(20) Sabiex tkun iffaċilitata l-armonizzazzjoni u biex tkun żgurata l-konsistenza tal-istandards, għandha tiġi pprovduta lista eżawrenti tar-raġunijiet prinċipali għalfejn l-elementi ttestjati ma jgħaddux mit-test. Sabiex jintlaħaq livell ta' konsistenza fil-ġudizzju tal-kundizzjoni tal-vettura ttestjata, in-nuqqasijiet skoperti għandhom jiġu vvalutati ma' standard komuni.

(21) Id-detentur ta' reġistrazzjoni ta' vettura suġġetta għal test tal-affidabilità stradali li matulu jiġu skoperti n-nuqqasijiet, b'mod partikolari dawk li jirrappreżentaw riskju għas-sikurezza stradali, għandu jirranġa dawn in-nuqqasijiet mingħajr dewmien. F'każ ta' nuqqasijiet perikolużi, għandha tiġi rtirata r-reġistrazzjoni tal-vettura sakemm jitranġaw dawk in-nuqqasijiet.

(22) Għandu jinħareġ ċertifikat tal-affidabilità stradali wara kull test, inkluża, fost oħrajn, informazzjoni relatata mal-identità tal-vettura u informazzjoni dwar ir-riżultati tat-test. Bil-ħsieb li jkun żgurat segwitu xieraq tat-testijiet tal-affidabilità stradali, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu informazzjoni bħal din f'bażi tad-dejta.

(23) Huwa meqjus li l-frodi tal-odometru taffettwa bejn 5 % u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati u dan jirriżulta f'kost importanti ħafna għas-soċjetà ta' diversi biljuni ta' Ewro kull sena u f'evalwazzjoni mhux korretta tal-kundizzjoni tal-affidabilità stradali ta' vettura. Bil-ħsieb li tkun miżura kontra l-frodi tal-odometru, ir-reġistrazzjoni tal-kilometraġġ fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali flimkien mal-obbligu li jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tat-test preċedenti għandhom jiffaċilitaw l-iskoperta tat-

tbagħbis jew tal-manipulazzjoni tal-odometru. Il-frodi tal-odometru għandha wkoll titqies b'mod aktar sistematiku bħala offiża li twassal għal penalità.

(24) F'diversi Stati Membri għadd kbir ta' ċentri tal-ittestjar privati awtorizzatti jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali. Sabiex ikun żgurat li l-iskambju tal-informazzjoni fost l-Istati Membri jkun effiċjenti, għandhom jiġu nnominati punti ta' kuntatt nazzjonali, u għandhom jiġu speċifikati ċerti proċeduri komuni, relatati, bħala minimu ma' limiti ta' żmien u n-natura tal-informazzjoni li tiġi mgħoddija.

(25) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn skema regolatorja usa', li tirregola l-vetturi matul il-ħajja tagħhom mill-approvazzjoni permezz tar-reġistrazzjonijiet u l-ispezzjonijiet sal-iskreppjar. L-iżvilupp u l-interkonnessjoni ta' bażijiet tad-dejta elettroniċi nazzjonali dwar il-vetturi u tal-manifatturi għandhom, fil-prinċipju, jikkontribwixxu sabiex titjieb l-effiċjenza tal-katina kollha amminstrattiva tal-vetturi u jitnaqqsu l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha twettaq studju dwar il-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika Ewropea għall-informazzjoni dwar il-vetturi għal dan il-għan.

(26) Sabiex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'aktar dettalji tekniċi, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb li titqies, meta jkun xieraq, l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi, kif ukoll il-ħtieġa li l-Annessi jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(27) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[21].

(28) Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar użati fiċ-ċentri tal-ittestjar għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati għat-twettiq tat-testijiet tal-affidabilità stradali. Peress li dan jimplika investimenti u adattamenti importanti li jistgħu ma jsirux b'mod immedjat, għandu jingħata perjodu ta' ħames snin sabiex ikun hemm il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti. Għandu jingħata perjodu simili ta' ħames snin lill-korpi superviżorji sabiex jissodisfaw il-kriterji u r-rekwiżiti kollha fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni taċ-ċentri tal-ittestjar.

(29) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stipulati rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar it-twettiq tal-ittestjar tal-affidabilità stradali tal-vetturi fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità

[21] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

(30) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti partikolarment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(31) Dan ir-Regolament jaġġorna r-rekwiżiti tekniċi tad-Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq[22] u jkabbar il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex jinkludi, b'mod partikolari, l-istabbiliment ta' ċentri tal-ittestjar u tal-korpi superviżorji tagħhom kif ukoll l-ispetturi nnominati li jkunu fdati bl-inkarigu li jwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali. Għalhekk, din id-Direttiva għandha titħassar. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jintegra r-regoli misjuba fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/278/UE tal-5 ta' Lulju 2010 dwar il-valutazzjoni tad-difetti waqt l-ittestjar ta' vetturi għat-triq skont id-Direttiva 2009/40/KE[23] bil-ħsieb li l-metodi tal-ittestjar tal-affidabilità stradali jkunu regolati aħjar.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, DEFINIZZJONIJIET U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1
Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali tal-vetturi.

Artikolu 2
Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi b'veloċità skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa tal-kategoriji li ġejjin, kif imsemmi fid-Direttiva 2002/24/KE, id-Direttiva 2007/46/KE u d-Direttiva 2003/37/KE:

   – vetturi bil-mutur li għandhom tal-inqas erba' roti, użati għall-ġarr tal-passiġġieri u b'mhux aktar minn tmien sedili minn barra s-sedil tax-xufier - kategorija tal-vettura M1,

   – vetturi bil-mutur użati għall-ġarr tal-passiġġieri u b'aktar minn tmien sedili, eskluż is-sedil tax-xufier – kategoriji tal-vettura M2 u M3,

---

22 ĠU L 141, 6.6.2009, p. 12.
23 ĠU L 173, 8.7.2010, p. 74.

– vetturi bil-mutur li għandhom tal-inqas erba' roti, normalment użati għall-ġarr bit-triq ta' oġġetti u b'massa massima permessibbli li ma taqbiżx it-3 500 kg - kategorija tal-vettura N1,

– vetturi bil-mutur użati għall-ġarr ta' oġġetti u b'massa massima permessibbli li taqbeż it-3 500 kg – kategoriji tal-vettura N2 u N3,

– trejlers u semitrejlers b'massa massima permessibbli li ma taqbiżx it-3 500 kg - kategoriji tal-vettura O1 u O2,

– trejlers u semitrejlers b'massa massima permessibbli li taqbeż it-3 500 kg - kategoriji tal-vettura O3 u O4,

– vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji tal-vettura L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e u L7e,

– tratturi bir-roti b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż l-40 km/siegħa – kategorija tal-vettura T5.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

– vetturi ta' interess storiku,

– vetturi li jappartjenu lill-forsi armati, lis-servizzi tat-tifi tan-nar, lill-protezzjoni ċivili, lis-servizzi ta' emerġenza u ta' salvataġġ,

– vetturi użati minn impriżi tal-agrikoltura, tal-ortikoltura, tal-forestija, tal-biedja jew tas-sajd b'veloċità massima skont id-disinn li ma taqbiżx l-40 km/siegħa,

– vetturi speċjalizzati li jittrasportaw tagħmir għaċ-ċirku u għall-fieri tad-divertiment b'veloċità massima skont id-disinn li ma taqbiżx l-40 km/siegħa u li joperaw biss fit-territorju tal-Istat Membru.

3. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti nazzjonali dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali għal vetturi elenkati fil-paragrafu 2 irreġistrati fit-territorju tagħhom.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'vettura' tfisser kull vettura bil-mutur li ma timxix fuq il-linji ferrovjarji jew it-trejler tagħha;

(2) 'vettura bil-mutur' tfisser kull vettura bil-mutur bir-roti li tiċċaqlaq bis-saħħa tal-mezzi tagħha stess b'veloċità massima skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa;

(3) 'trejler' tfisser kwalunkwe vettura bir-roti li m'għandhiex propulsjoni tagħha stess iddisinjat u mibnija biex tiġi rmunkata minn vettura bil-mutur;

(4) ‘semitrejler’ tfisser kwalunkwe trejler iddisinjat biex jingħaqad ma' vettura bil-mutur b’mod li parti minnu jistrieħ fuq il-vettura bil-mutur u li parti sostanzjali tal-massa tiegħu u tal-massa tat-tagħbija tiegħu tinġarr mill-vettura bil-mutur;

(5) ‘vetturi b'żewġ jew tliet roti’ tfisser kull vettura bil-mutur fuq żewġ roti b’sidecar jew mingħajrha, triċikli u kwadriċikli;

(6) ‘vettura rreġistrata fi Stat Membru’ tfisser vettura li hija rreġistrata jew li daħlet fis-servizz fi Stat Membru;

(7) ‘vettura ta’ interess storiku’ tfisser kwalunkwe vettura li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

– Kienet manifatturata tal-inqas 30 sena ilu,

– Tinżamm permezz tal-użu ta' partijiet ta' bdil li jirriproduċu l-komponenti storiċi tal-vettura;

– Ma ġarrbet ebda tibdil fil-karatteristiċi tekniċi tal-komponenti prinċipali tagħha bħall-magna, il-brejkijiet, l-istering jew is-suspenxin u

– Ma nbidlitx fid-dehra tagħha;

(8) ‘detentur ta’ ċertifikat tar-reġistrazzjoni’ tfisser il-persuna li l-vettura hija rreġistrata f'isimha;

(9) ‘test tal-affidabilità stradali’ tfisser verifika li l-partijiet u l-komponenti ta’ vettura huma konformi mal-karatteristiċi ta’ sikurezza u dawk ambjentali fis-seħħ fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, kif ukoll fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara;

(10) ‘approvazzjoni’ tfisser kwalunkwe kategorija ta’ approvazzjoni msemmija fid-Direttiva 2007/46/KE;

(11) ‘nuqqasijiet’ tfisser difetti tekniċi u istanzi oħra ta’ nuqqas ta’ konformità li jinstabu matul test tal-affidabilità stradali;

(12) ‘ċertifikat tal-affidabilità stradali’ tfisser ċertifikat maħruġ mill-awtorità pubblika jew minn ċentru tal-ittestjar li fih ir-riżultat tat-test u l-valutazzjoni ġenerali tal-vettura;

(13) ‘spettur’ tfisser persuna awtorizzata minn Stat Membru biex twettaq testijiet tal-affidabilità stradali f’ċentru tal-ittestjar jew f’isem awtorità kompetenti;

(14) ‘awtorità kompetenti’ tfisser awtorità jew korp pubbliku responsabbli għall-ġestjoni tas-sistema nazzjonali tal-ittestjar tal-affidabilità stradali, inkluż, fejn xieraq, it-twettiq tat-testijiet tal-affidabilità stradali;

(15) ‘ċentru tal-ittestjar’ tfisser korpi jew stabbilimenti pubbliċi jew privati, inklużi dawk li jwettqu tiswijiet fuq il-vetturi, awtorizzati minn Stat Membru biex iwettqu testijiet tal-affidabilità stradali;

(16) ‘korp superviżorju’ tfisser korp stabbilit minn Stat Membru, responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni taċ-ċentri tal-ittestjar.

KAPITOLU II

OBBLIGI ĠENERALI

Artikolu 4

Responsabilitajiet

1. Il-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom għandhom jiġu ttestjati perjodikament skont dan ir-Regolament fl-Istati Membri fejn huma rreġistrati.

2. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu biss mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew minn ċentri tal-ittestjar awtorizzat mill-Istati Membri.

3. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jipprovdu liċ-ċentri tal-ittestjar jew, meta jkun rilevanti, lill-awtorità kompetenti, l-aċċess għall-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabilità stradali, kif stipulat fl-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri dwar l-aċċess għall-informazzjoni teknika stipulati fl-Anness I skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).

4. Id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni għandu jkun responsabbli għaż-żamma tal-vettura f'kundizzjoni sikura u tajba biex tkun fit-triq il-ħin kollu.

KAPITOLU III

REKWIŻITI LI JIKKONĊERNAW IT-TESTIJIET TAL-AFFIDABILITÀ STRADALI

Artikolu 5

Data u frekwenza tal-ittestjar

1. Il-vetturi għandhom ikunu suġġetti għal test tal-affidabilità stradali f'kull anniversarju tad-data tal-ewwel reġistrazzjoni, tal-inqas fl-intervalli li ġejjin:

   – Vetturi tal-kategoriji L1e, L2e, L3e, L4e, L5e, L6e u L7e: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad wara sentejn u mbagħad kull sena;

   – Vetturi tal-kategoriji M1, N1 u O2: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad wara sentejn u mbagħad kull sena;

   – Vetturi tal-kategorija M1 irreġistrati bħala taksis jew ambulanzi, vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2, N3, T5, O3 u O4: sena wara d-data li fiha l-vettura kienet irreġistrata għall-ewwel darba, imbagħad kull sena.

2. Fil-każ fejn vettura tal-kategoriji M1 jew N1 tilħaq kilometraġġ ta' 160 000 km mal-ewwel test tal-affidabilità stradali wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-vetturi, għandha tkun suġġetta għal test tal-affidabilità stradali kull sena wara l-ewwel test.

3. Id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jista' jitlob liċ-ċentru tal-ittestjar, jew lill-awtorità kompetenti jekk ikun rilevanti, biex iwettaq/twettaq test tal-affidabilità stradali matul perjodu li jestendi mill-bidu tax-xahar li jiġi qabel ix-xahar tad-data tal-anniversarju msemmija fil-paragrafu 1 sal-aħħar tat-tieni xahar wara din id-data, mingħajr ma tiġi affettwata d-data għat-test li jkun imiss tal-affidabilità stradali.

4. Irrispettivament mid-data tal-aħħar test tal-affidabilità stradali, l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ li vettura tkun suġġetta għal test tal-affidabilità stradali jew ittestjar addizzjonali qabel id-data msemmija fil-paragrafi 1 u 2, fil-każijiet li ġejjin:

– wara inċident fejn issir ħsara serja għall-komponenti prinċipali relatati mas-sikurezza tal-vettura bħar-roti, is-suspenxin, iż-żoni ta' deformazzjoni, l-istering jew il-brejkijiet,

– fejn is-sistemi u l-komponenti ta' sikurezza u dawk ambjentali jkunu ġew mibdula jew immodifikati,

– f'każ li jinbidel id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

Artikolu 6

Kontenuti u metodi tal-ittestjar

1. It-test tal-affidabilità stradali għandu jkopri l-oqsma msemmija fl-Anness II, il-punt 2.

2. Għal kull qasam imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew iċ-ċentru tal-ittestjar għandhom iwettqu test tal-affidabilità stradali li jkopri tal-inqas l-elementi, u bl-użu tal-metodu applikabbli għall-ittestjar ta' dawk l-elementi, kif stipulat fl-Anness II, il-punt 3.

Artikolu 7

Valutazzjoni tan-nuqqasijiet

1. Għal kull element ittestjat, l-Anness III jipprovdi lista minima ta' nuqqasijiet possibbli u l-livell ta' severità tagħhom.

2. Meta l-ispettur ikun qed iwettaq test tal-affidabilità stradali, huwa għandu jattribwixxi livell ta' severità lil kull nuqqas skopert u jikklassifikah f'wieħed mill-gruppi li ġejjin:

– nuqqasijiet tekniċi li ma għandhom ebda effett sinifikanti fuq is-sikurezza tal-vettura u nuqqasijiet minuri ta' konformità oħrajn.

– nuqqasijiet kbar li jistgħu jippreġudikaw is-sikurezza tal-vettura jew iqiegħdu fil-periklu lil utenti oħra tat-triq jew nuqqasijiet ta' konformità sinifikanti oħrajn,

– nuqqasijiet perikolużi li jwasslu għal riskji diretti u immedjati għas-sikurezza stradali tant li l-vettura ma għandha tintuża fit-triq taħt ebda ċirkustanza.

3. Vettura li għandha nuqqasijiet li jappartjenu għal aktar minn grupp ta’ nuqqasijiet wieħed imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kklassifikati fil-grupp li jikkorispondi man-nuqqas l-aktar serju. Vettura li turi diversi nuqqasijiet tal-istess grupp għandha tiġi kklassifikata fil-grupp aktar serju li jkun imiss jekk l-effett kombinat ta' dawk in-nuqqasijiet jirriżulta f’riskju ogħla għas-sikurezza stradali.

Artikolu 8

Ċertifikat tal-affidabilità stradali

1. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti li wettqet it-test tal-affidabilità stradali għandha toħroġ ċertifikat tal-affidabilità stradali lil dik il-vettura li fiha, tal-inqas, l-elementi kollha stipulati fl-Anness IV.

2. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, fejn ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti, għandha tipprovdi ċertifikat tal-affidabilità stradali jew, fil-każ ta' ċertifikat tal-affidabilità stradali stabbilit elettronikament, karta stampata ċċertifikata kif xieraq ta' dan iċ-ċertifikat, lill-persuna li tkun qed tippreżenta lill-vettura għat-test.

3. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament u tal-inqas sa 3 snin wara, iċ-ċentri tal-ittestjar għandhom jikkomunikaw b'mod elettroniku, lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali li jqassmu. Din il-komunikazzjoni għandha sseħħ fi żmien raġonevoli wara l-ħruġ taċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali. Sa din id-data, iċ-ċentri tal-ittestjar jistgħu jikkomunikaw din l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti bi kwalukwe mezz ieħor. L-awtorità kompetenti għandha żżomm din l-informazzjoni għal 36 xahar mid-data tal-wasla tagħha.

4. Għall-finijiet tal-iċċekkjar tal-qari tal-odometru, u fejn din l-informazzjoni ma ġietx ikkomunikata b’mod elettroniku wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti, l-ispettur għandu jeħtieġ li l-persuna li tippreżenta l-vettura għat-test turi ċ-ċertifikat li jkun inħareġ wara t-test tal-affidabilità stradali preċedenti.

5. Ir-riżultati tat-test tal-affidabilità stradali għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Din in-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali.

Artikolu 9

Segwitu tan-nuqqasijiet

1. Fil-każ ta’ nuqqasijiet żgħar biss, id-detentur taċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni għandu jiżgura li nuqqasijiet bħal dawn jiġu rrettifikati mingħajr dewmien. Jista’ jkun li ma jkunx hemm bżonn li l-vettura terġa’ tiġi ttestjata.

2. Fil-każ ta’ nuqqasijiet kbar, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi l-kundizzjonijiet li taħthom vettura tista’ tintuża qabel ma terġa’ tgħaddi minn test ieħor tal-affidabilità stradali. It-tieni test għandu jsir sa sitt ġimgħat wara l-ewwel test.

3. Fil-każ ta’ nuqqasijiet perikolużi, il-vettura ma għandhiex tintuża fuq toroq aċċessibbli għall-pubbliku u r-reġistrazzjoni tagħha għandha tiġi rtirata skont l-

Artikolu 3a tad-Direttiva XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi[24] sakemm in-nuqqasijiet ikunu rettifikati u jinħareġ ċertifikat ġdid tal-affidabilità stradali li juri li l-vettura hija f'kundizzjoni tajba għat-triq.

Artikolu 10

Prova tat-test

Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun wettqet it-test tal-affidabilità stradali fuq vettura rreġistrata fit-territorju tagħha, għandha toħroġ prova lil kull vettura li tgħaddi b'suċċess dan it-test. Il-prova għandha tindika d-data tat-test tal-affidabilità stradali li jmiss.

Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi l-prova li tinħareġ skont il-paragrafu 1.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

Artikolu 11

Faċilitajiet u tagħmir tal-ittestjar

1. Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar użati għat-twettiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tekniċi minimi stipulati fl-Anness V.

2. Iċ-ċentri tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti, għandha żżomm il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar skont l-ispeċifikazzjonijiet ipprovduti mill-manifattur.

3. Kull tagħmir li jintuża għall-kejl għandu jiġi kkalibrat perjodikament skont l-ispeċifikazzjonijiet ipprovduti mill-manifattur.

Artikolu 12

Spetturi

1. It-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Anness VI.

2. L-Istati Membri għandhom iqassmu ċertifikat lill-ispetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ. Dan iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-inqas l-informazzjoni msemmija fl-Anness VI, il-punt 3.

---

[24] ĠU L XXX, XX.XX.XXXX, p. XX

3. L-ispetturi impjegati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew minn ċentru tal-ittestjar fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VI, il-punt 1. L-Istati Membri għandhom jagħtu ċertifikat ta' ekwivalenza lil dawn l-ispetturi.

4. Meta jkun qed iwettaq test tal-affidabilità stradali l-ispettur għandu jkun ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess, b'mod partikolari fir-rigward ta' rabtiet ekonomiċi, personali jew familjari mad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura suġġetta għall-ittestjar.

5. Iċ-ċentru tal-ittestjar għandu jinforma lill-persuna li tkun qegħda tippreżenta l-vettura għat-test bit-tiswijiet meħtieġa li għandhom jitwettqu u ma għandux ibiddel ir-riżultati tat-test għal finijiet kummerċjali.

6. Ir-riżultati ta' test tal-affidabilità stradali mwettaq minn spettur jistgħu jiġu modifikati biss mill-korp superviżorju jekk ikun ċar li s-sejbiet tat-test tal-affidabilità stradali mwettaq mill-ispettur ma jkunux korretti

Artikolu 13

Awtorizzazzjoni u superviżjoni taċ-ċentri tal-ittestjar

1. Korp superviżorju għandu jwettaq tal-inqas il-kompiti previsti fl-Anness VII, il-punt 1 u jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punti 2 u 3 tal-istess Anness.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli b'mod pubbliku r-regoli u l-proċeduri li jkopru l-organizzazzjoni, il-kompiti u r-rekwiżiti applikabbli għall-persunal tal-korpi superviżorji.

Il-korpi superviżorji għandhom ikunu indipendenti miċ-ċentri tal-ittestjar u mill-manifatturi tal-karozzi.

2. Iċ-ċentri tal-ittestjar li huma mħaddma b'mod dirett minn awtorità kompetenti għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti fir-rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni.

KAPITOLU V

KOOPERAZZJONI U SKAMBJU TAL-INFORMAZZJONI

Artikolu 14

Kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [*sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] u jinfurmawha bla dewmien meta jkun hemm xi tibdil.

Il-Kummissjoni għandha tfassal lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali kollha, u tibgħatha lill-Istati Membri.

Artikolu 15
Pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-fattibilità, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika tal-informazzjoni dwar il-vetturi bil-ħsieb li tiskambja informazzjoni dwar dejta relatata mal-ittestjar tal-affidabilità stradali bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri responsabbli għall-ittestjar, ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi, iċ-ċentri tal-ittestjar u l-manifatturi tal-vettura.

Hija għandha, abbażi ta' dik l-eżaminazzjoni, tippreżenta u tevalwa għażliet differenti ta' politika, inkluża l-possibbiltà li tneħħi r-rekwiżit ta' prova tat-test kif previst fl-Artikolu 10. Fi żmien sentejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-eżaminazzjoni, u takkumpanjah bi proposta leġiżlattiva, jekk dan ikun xieraq.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR SETGĦAT TA' IMPLIMENTAZZJONI U SETGĦAT IDDELEGATI

Artikolu 16
Kumitat dwar l-affidabilità stradali

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta għandha tinkiseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-ħruġ tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu hekk.

Artikolu 17
Atti ddelegati

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati b'konformità mal-Artikolu 19 bil-ħsieb li:

– taġġorna l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 5(1) u (2) kif xieraq sabiex tqis it-tibdil għall-kategoriji tal-vetturi li jirriżulta mill-emendi għal-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1),

– taġġorna l-Annessi fid-dawl tal-progress tekniku jew sabiex tqis il-modifikazzjoni fil-leġiżlazzjoni internazzjonali jew tal-Unjoni.

Artikolu 18

Eżerċitar ta' delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17 għandha tiġi kkonferita għal perjodu indeterminat ta' żmien minn [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 17 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ il-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu ta' żmien għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 19

Penalitajiet

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-manipulazzjoni jew it-tbagħbis ta' odometru jitqies bħala offiża u jkun ikkastigat minn penalitajiet effettivi, proporzjonati,dissważivi u mhux diskriminatorji.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa [*sena mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] l-aktar tard u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

Artikolu 20
Dispożizzjonijiet transizzjonali

1. Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ittestjar imsemmi fl-Aritkolu 11 li ma jikkonformax mar-rekwiżiti minimi stipulati fl-Anness V fi [*sena mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] jistgħu jintużaw għat-twettiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin wara dik id-data.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness VII mhux aktar tard mill-ħames sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 21
Revoka

Id-Direttiva 2009/40/KE u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/378/UE huma revokati b'effett minn [*id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*].

Artikolu 22
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn [*12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
The President	*The President*